MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-12 ta' April, 2013

Rikors Numru. 72/2012

**1. Christian Panaitescu**
**2. Niculae Alexandu Dragos, fis-seduta tas-16 ta' Novembru 2012, il-Qorti ordnat il-korrezzjoni fl-isem ta' "Niculae Alexandu Dragos" li ghandu jaqra "Niculae Alexandru Dragos"**
**3. Dimitriu Marius**
**4. Illie Niculae**
**5. Florica Niculae**

**vs**

**L-Avukat Generali**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li pprezentaw ir-rikorrenti fit-30 ta' Ottubru 2012, li jaqra hekk:

Illi l-esponenti kienu tressqu nhar is-26 ta' Frar 2012 ilkoll flimkien quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) akkuzati b'serq ikkwalifikat u/jew ricettazzjoni li sehh fi Frar 2012 u/jew fil-granet ta' qabel.

Illi l-esponenti kollha salv l-esponent Florica Niculae ammettew l-akkuzi migjuba kontra taghhom fuq suggeriment li sar lilhom u gew ikkundannati ghal tlett snin prigunerija b'sentenza datata 26 ta' Frar 2012.

Illi in effetti, l-esponenti kollha salv Florica Niculae kienu ammettew ghall-akkuzi migjuba kontra taghhom wara li kien gie mwieghed lilhom mill-prosekuzzjoni stess illi f'kaz ta' ammissjoni huma kienu ser jigu kkundannati ghall-massimu ta' sena prigunerija u mhux tlett snin kif fil-fatt gara.

Illi fil-kaz tal-esponent Florica Niculae, ghalkemm dan ma ammettiex mal-ewwel, meta rega' deher quddiem il-Qorti fis-seduta sussegwenti, huwa gie mgharraf li kien inutli li jiddilunga l-kaz tieghu peress illi issa huwa kellu bil-fors jigi trattat bhala dawk li inizzjalment kienu l-ko-akkuzati mieghu u allura kellu jammetti biex hekk gie wkoll ikkundannat ghall-istess piena ta' tlett snin prigunerija u dan b'sentenza tal-istess Qorti diversament presjeduta datata 7 ta' Marzu 2012.

Illi l-esponenti kollha hassew ruhhom ilkoll ferm aggravati mis-sentenzi moghtija fil-konfront taghhom, partikolarment ghaliex innutaw illi kien sar ezercizzju diskriminatorju kontra taghhom li wasal biex huma gew trattati b'mod ferm differenti u ferm aktar harex min-nies ohra rinfaccjati bl-istess generu u tip ta' akkuzi u fl-istess cirkostanzi u dan semplicement minhabba l-fatt illi huma kienu lkoll ta' nazzjonalita' Rumena u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni orali ta' dan ir-rikors.

Illi minkejja li kien evidenti illi huma hassew ruhhom manifestament aggravati bis-sentenza moghtija fil-

konfront taghhom, huma la gew infurmati bid-dritt ta' appell taghhom u wisq anqas ma gew infurmati b'dak li huma suppost kellhom jaghmlu sabiex jippreservaw u/jew jezercitaw tali dritt u in effetti hadd mill-esponenti kollha ma mqar talab ghas-sospensjoni tas-sentenza erogata ghall-finijiet ta' appell u konsegwentement, l-esponenti kollha tilfu dan id-dritt ta' appell taghhom minkejja illi huma kienu manifestament aggravati bid-decizjoni moghtija fil-konfront taghhom.

Illi a bazi ta' dan kollu u ta' dak li ser jirrizulta fil-kors tas-smigh u trattazzjoni ta' dan ir-rikors, l-esponenti jhossu illi fil-proceduri mehuda kontra taghhom sehh ksur tad-drittijiet fundamentali taghhom billi fl-ewwel lok huma naqsu milli jigu moghtija smigh xieraq minn qorti indipendenti u imparzjali u dan ghaliex il-Qorti m'accertatx ruhha li l-esponenti kienu qed jinghataw difiza adegwata kif kienet obbligata li taghmel, kif ukoll billi fit-tieni lok, huma gew trattati b'mod diskriminatorju minhabba r-razza taghhom u dan bi ksur tal-Artikoli 39 u 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll tad-dispozizzjonijiet analogi taht il-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem.

Talbu r-rikorrenti jghidu ghalfejn din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

Tiddikjara illi fil-kors tal-kawzi kontra l-esponenti fl-ismijiet "Il-Pulizija [Spettur Saviour Baldacchino] vs Christian Panaitescu et" deciza nhar is-26 ta' Marzu 2012, fis-seduta tas-16 ta' Novembru 2012, il-Qorti ordnat il-korrezzjoni fid-data fit-talba tar-rikors li minflok "26 ta' Marzu 2012" ghandha taqra "26 ta' Frar 2012" per Magistrat Edwina Grima, u "Il-Pulizija [Spettur Saviour Baldacchino] vs Niculae Florica" deciza nhar is-7 ta' Marzu 2012 per Magistrat Antonio Mizzi, gew lezi d-drittijiet tal-esponenti ghal smigh xieraq minn Qorti indipendenti u imparzjali u ghall-protezzjoni mid-diskriminazzjoni u dan kif sanciti taht l-Artikoli 39 u 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u d-dispozizzjonijiet analogi taht il-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem;

Taghti r-rimedji kollha necessarji in vista ta’ tali lezjonijiet inkluz, izda mhux biss illi tannulla l-proceduri surriferiti u tordna r-ritrattazzjoni tal-istess skont il-Ligi.

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali, li in forza taghha eccepixxa illi:

Preliminarjament, għallinqas mill-atti tal-proċess kriminali, l-isem ta’ wieħed mir-rikorrenti jidher li huwa *’**Niculae Alexandru**’* u mhux *’**Niculae Alexandu**’* kif hekk huwa mniżżel fl-okkju ta’ din il-kawża. Għalhekk l-esponent umilment jissolleċita lir-rikorrenti li jekk hemm xi żball fl-isem ta’ wieħed mill-partijiet huma għandhom jitolbu korrezzjoni fl-okkju tal-kawża a tenur tal-**Artikolu 175 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta**. Tiswija simili tidher li hija neċessarja wkoll fl-ewwel talba tar-rikorrenti għaliex is-sentenza mogħtija mill-Maġistrat Edwina Grima kienet fi Frar tal-2012 u mhux f’Marzu tal-2012;

I*n limine litis* ukoll, inkwantu l-esponent qiegħed jifhem li l-ilment tar-rikorrenti huwa mibni fuq il-fatt li ma ngħatawx smigħ xieraq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali jew aħjar li huma ħadu piena li kienet eħrex minn dik li stennew, tant li saħansitra jallegaw li hija diskriminatorja, huma kien messhom, qabel ma fetħu dawn il-proċeduri kostituzzjonali nqdew bir-rimedji mogħtija lilhom bil-liġi ordinarja. Speċifikament, jekk huma ma kienux qed jaqblu mal-kontenut u mal-mod kif ngħataw is-sentenzi mill-Qorti tal-Maġistrati fil-kawżi fl-ismijiet, ‘***Il-Pulizija (Spettur Saviour Baldacchino) vs. Christian Panaitescu et***’ tas-26 ta’ Frar 2012 u ‘***Il-Pulizija (Spettur Saviour Baldacchino) vs. Niculae Florica***’ tas-7 ta’ Marzu 2012, huma kellhom kull jedd li jappellaw minnhom skont il-fakoltà mogħtija lilhom abbażi tal-**artikolu 413 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta**. Fi żgur ma huwiex xieraq li r-rikorrenti l-ewwel iħallu t-terminu tal-appell jgħaddi inutilment biex imbagħad seba’ xhur wara jiftħu dawn il-proċeduri kostituzzjonali biex jittantaw jirrimedjaw għal dak li m’għamlux fiż-żmien utili. Tassew proċeduri ta’ bixra straordinarja bħalma huma kawżi kostituzzjonali mhumiex maħsuba biex jieħdu post il-

proċeduri ordinarji li kellhom u setgħu jiġu prospettati primarjament. Inkella minflok inmorru quddiem il-Qrati tal-Appell nibdew nipproċedu mill-ewwel quddiem il-Qrati Kostituzzjonali – ħaġa li tmur lilhinn mill-iskop tal-proċeduri kostituzzjonali. Għalhekk fid-dawl ta' dan in-nuqqas ta' eżawriment tar-rimedji ordinarji, l-esponent qiegħed umilment jistieden lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tiddeklina milli teżerċita s-setgħat kostituzzjonali tagħha *ai termini* tal-**artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni** u l-*proviso* tal-**artikolu 4 (2) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta**;

Mingħajr preġudizzju għal dak fuq imsemmi, b'rabta mal-ilment ta' ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq kif imqanqal fir-rikors promotur, l-esponent jibda billi jissottometti li materji li għandhom x'jaqsmu mal-kwantum jew xorta ta' piena u mal-mod kif din tiġi espijata jeżorbitaw mill-ambitu tal-kunċett ta' smigħ xieraq kif imħares bl-**artikolu 39 tal-Kostituzzjoni** u l-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea** (ara s-sentenza ***Anthony Grech Sant vs. Avukat Ġenerali*** tal-Qorti Kostituzzjonali mogħtija fit-8 ta' Frar, 2010). Fi kwaliasi każ, l-esponent jiċħad bil-qawwa kollha li l-prosekuzzjoni qatt kienet wegħdet lir-rikorrenti li jekk huma kienu sejrin jirreġistraw ammissjoni bikrija allura huma kienu ser jeħlu sa massimu ta' sena ħabs. Dan qed jingħad għaliex tali diskors qatt ma seħħ min-naħa tal-posekuzzjoni. Għalhekk ir-rikorrenti qed jiġu mwissija biex jaħsbuha darbtejn jekk huma beħsiebhom jaffermaw din l-allegazzjoni inveritjiera bil-ġurament tagħhom. Barra minn hekk, ma hemmx għalfejn jingħad, il-pieni kriminali jiġu determinati u stabbiliti biss mill-qrati tal-ġustizzja u mhux mill-prosekuzzjoni. *Semmai* l-iktar li jista' jkun hemm huwa forma ta' *sentence bargaining,* bl-applikazzjoni tal-**artikolu 392A(5) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta**, ħaġa iżda li f'dan il-każ ma kienx hemm għaliex ma ġiet preżentata l-ebda nota ta' patteġġjament mill-Avukat Ġenerali bi qbil mad-difiża;

Magħdud ma' dan, tant kemm din ix-xilja tar-rikorrenti hija waħda fiergħa, li l-allegata wegħda ta' piena ta' mhux aktar minn sena impriġunerija lanqas biss setgħet tiġi mħaddna u applikata fiċ-ċirkostanzi tar-rikorrenti. Dan minħabba li huma nstabu ħatja mhux ta' reat wieħed iżda

ta' kumulu ta' reati. Għalhekk meta wieħed jiġi biex jistabilixxi l-parametri tal-piena fid-dawl ta' dawn id-diversi reati, wieħed isib li bl-applikazzjoni tal-**artikolu 17(b)** jew **tal-artikolu 18 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta**, il-piena ta' tliet snin inflitta fuqhom mill-Qorti tal-Maġistrati kienet tassew qrib ħafna tal-minimu li huwa impost bil-liġi. Jiġifieri l-prosekuzzjoni ma setgħu qatt iwegħdu piena massima ta' sena ħabs għaliex minħabba n-numru sostanzjali ta' reati li kien hemm involuti f'dan il-każ, <u>il-piena minima bil-liġi kienet tiżboq sew is-sena priġunerija</u>;

Terġa' u tgħid, kif anke ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża, il-Qorti tal-Maġistrati preseduta mill-Maġistrat Dr. Edwina Grima, wara li kienet semgħet l-ammissjoni bikrija tar-rikorrenti kollha, ħlief dik ta' Florica Niculae, hija kienet wissithom dwar il-konsegwenzi ta' dik l-affermazzjoni tagħhom u kienet saħanistra ġibditilhom l-attenzjoni li jekk huma kienu sejrin jerġgħu jikkonfermaw l-ammissjoni tagħhom hekk kif jagħlaq it-terminu tar-rikonsiderazzjoni mogħti lilhom skont l-**artikolu 392A(1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta,** huma kienu qed jirriskjaw piena ta' tliet snin impriġunerija. Jiġi b'hekk li l-erogar ta' tliet snin ħabs ma kinitx xi ħaġa li ġiet bħala sorpriża fuqhom iżda kienet piena li kienet diġà ġiet indikata lilhom qabel ma reġgħu esprimew il-ħtija tagħhom tar-reati miġjuba kontrihom;

M*ulto magis* imbagħad, l-ammissjoni tar-rikorrenti kienet waħda għal kollox volontarja u għalhekk l-esponent jifhem li huma kienu qegħdin jassumu r-responsabilità sħiħa ta' dik id-deċiżjoni tagħhom, b'dana li huma kienu qed jirrimettu ruħhom għal kull deċiżjoni dwar piena li l-Qorti setgħet tasal għaliha. Infatti għalhekk il-liġi tipprovdi l-possibbilità ta' rikonsiderazzjoni sabiex ir-rikorrenti jaħsbuha darbtejn qabel jistqarru u jikkonfermaw il-ħtija tagħhom;

Dwar dan il-punt, l-esponent jagħlaq billi jgħid li fil-fehma tiegħu l-ammissjoni bikrija tar-rikorrenti ma kinitx motivata minħabba allegat wegħdiet jew vantaġġi ġejjin mill-prosekuzzjoni iżda kienet ġejja mill-fatt li r-rikorrenti kienu <u>diġà ammettew l-involviment tagħhom fl-akkużi miġjuba kontrihom meta tteħditilhom l-istqarrija tagħhom mill-</u>

<u>pulizija u dan wara li huma kienu rrinunzjaw għall-assistenza legali</u> (ara l-istqarrijiet tagħhom li qed jiġu esibiti bħala **Dok. AG1** sa **AG 5** rispettivament li lkoll ġew esibiti fil-proċeduri kriminali). Dan biex ma jissemmux ukoll id-diversi ritratti u l-filmati tas-sigurtà li kellhom f'idejhom il-Prosekuzzjoni, fejn fihom ir-rikorrenti jidhru li qed jisirqu *in flagrante* (ara wħud mir-ritratti li qed jiġu mehmuża bħala **Dok. AG 6** sa **17**). Minn dawn ir-riżultanzi wieħed allura malajr jista' jifhem x'induċa lir-rikorrenti biex jammettu mill-ewwel;

Dwar il-każ ta' Florica Niculae, li ma rreġistrax l-ammissjoni tiegħu waqt il-preżentata tiegħu iżda f'seduta sussegwenti quddiem il-Maġistrat Antonio Mizzi, għandu jingħad li m'hu veru xejn li l-Maġistrat għamel xi pressjoni fuqu biex jammetti bħalma għamlu r-rikorrenti l-oħra. Bil-kontra, l-imsemmi Florica Niculae stqarr l-ammissjoni tiegħu minn jeddu fil-preżenza tal-avukat difensur tiegħu, mingħajr ma kien ikkondizzjonat minn ħadd u wara li ġie mogħti l-possibilità li jikkunsidra mill-ġdid din il-posizzjoni tiegħu skont il-liġi. Għalhekk anke din ix-xilja qed tiġi respinta;

Dejjem bla preġudizzju, safejn l-ilment tar-rikorrenti huwa msejjes fuq l-asserzjoni li huma ma ġewx mgħarrfa bid-dritt tagħhom li jappellaw mis-sentenzi mogħtija kontrihom, jissokta jingħad qabel xejn li taħt l-**artikolu 39 tal-Kostituzzjoni** u l-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea** invokati minnhom, ma hemm l-ebda riferenza jew aċċenn għal preċett li għandu jkun hemm dritt ta' appell jew li għandu jkun hemm eżami doppju minn qorti superjuri (ara ***Edmond Espedito Mugliett et vs. Il-Ministru tal-Ġustizzja et***, Qorti Kostituzzjonali, 5 ta' Marzu 2012). B'żieda ma' dan, tajjeb li jiġi preċiżat ukoll, li ma hemm l-ebda obbligu fil-liġi mixħut fuq l-awtoritajiet pubbliċi jew ġudizzjarji fejn proċeduralment għandhom jgħarrfu lil persuni misjuba ħatja fl-ewwel istanza bid-dritt tagħhom tal-appell – aktar u aktar meta wieħed iqis li f'dan il-każ ir-rikorrenti waqt il-proċeduri kriminali kienu debitament assistiti mill-avukati tagħhom (Dr. Yana Micallef Stafrace u Dr. Leonard Caruana) kif jidher mill-verbal taż-żewġ seduti tas-26 ta' Frar 2012 u tas-7 ta'

Marzu 2012 rispettivament (**Dok. AG 18** u **19**). Fuq kollox imbagħad, f'każijiet ta' din ix-xorta jgħodd dejjem il-prinċipju li *ignorantia legis neminem excusat*;

Subordinatament għal dak li għandu x'jaqsam mal-mertu dwar l-allegat aġir diskriminatorju mġarrab mir-rikorrenti a tenur tal-**artikolu 45 tal-Kostituzzjoni** u tal-korrispondenti **artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea Għad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem** jingħad li dawn ma jistgħux ikunu applikabbli. Ibda biex l-**artikolu 14 tal-Konvenzjoni** lanqas biss jista' jiġi eżaminat f'dan il-każ billi l-ilment tad-diskriminazzjoni mnanqal mir-rikorrenti ma jaqax fl-ambitu ta' xi wieħed mill-jeddijiet li huma mħarsa bil-Konvenzjoni. Fl-istess kont, id-diskrezzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati fl-għażla tal-piena ukoll ma tistax tiġi attakkata bl-**artikolu 45 tal-Kostituzzjoni** għaliex dan mhuwiex permessibbli skont **is-subinċiż (8)** tal-istess artikolu mnissel mill-Kostituzzjoni;

B'żieda ma' dan, anke li kieku stess, ir-rikorrenti mhumiex siewja fl-allegazzjoni tagħhom li soffrew trattament diskriminatorju peress li huma ma qabblux lilhom infushom ma' l-ebda persuna oħra li kienet fl-istess sitwazzjoni tagħhom. Tassew huma ma wrewx li kien hemm ħaddieħor li fl-istess qagħda tagħhom bl-istess numru ta' akkużi ġie mogħti trattament aħjar minnhom jew li meta mqabbla ma' dak il-ħaddieħor huma ġew żvantaġġjati. Oltre minn hekk, kif diġà ġie rilevat aktar kmieni, il-piena imposta fuqhom kienet viċin ħafna tal-minimu preskitt fil-liġi għall-każijiet li jinvolvu kumulu ta' reati, għalhekk l-esponent jemmen bi sħiħ li r-rikorrenti kienu ftit preċipitużi meta allegaw li l-piena kienet waħda ta' xejra diskriminatorja;

Bla ħsara għall-premess, jiġi mtenni wkoll li ġaladarba l-piena inflitta lir-rikorrenti ngħatat skont il-parametri tal-liġi allura din kellha għan leġittimu u kif ukoll proporzjonat;

Għaldaqstant fid-dawl tas-suespost l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrenti bl-ispejjeż kontra tagħhom. Peress li fil-fehma umili tal-esponent l-ilmenti mnanqla mir-rikorrenti

huma ta’ natura frivola u vessatorja din il-Qorti hija umilment mistiedna biex jekk tħoss li huwa l-każ tikkunsidra l-applikazzjoni tal-**artikolu 46(5) tal-Kostituzzjoni** u **l-Artikolu 4(5) tal-Kap. 319**.

Qrat l-affidavits li gewipprezentati;

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat;

Illi f’din il-kawza, ir-rikorrenti kienu, l-ewwel erba’, instabu hatja fis-26 ta’ Frar 2012, b’serq ikkwalifikat u/jew ricettazzjoni, u l-ahhar wiehed instab hati tal-istess akkuzi fis-7 ta’ Marzu 2012 u dan wara li lkoll ammettew l-akkuzi dedotti kontrihom. Fiz-zewg kawzi, wara li saret l-ewwel ammissjoni, il-Qorti taghthom l-opportunita’ jergghu jahsbuha, izda, f’kull kaz, ikkonfermaw l-ammissjoni taghhom. Kull rikorrent inghata terminu ta’ 3 snin ta’ priggunerija effettiva. Ir-rikorrenti ma appellawx mis-sentenza, pero’ issa ressqu dawn il-proceduri fejn qed jilmentaw li ma kellhomx smigh xieraq.

Fil-kuntest ta’ smigh xieraq, din il-Qorti taghmel referenza ghall-kaz “Huseyn and others vs Azerbaijan”, deciz mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fis-26 ta’ Lulju, 2011 (sentenza li saret finali fis-26 ta’ Ottubru, 2011). Dwar f’hiex ghandu jikkonsisti dan id-dritt, il-Qorti ghamlet dawn l-osservazzjonijiet:

“*171. The Court reiterates that, although not absolute, the right of everyone charged with a criminal offence to be effectively defended by a lawyer, assigned officially if need be, is one of the fundamental features of a fair trial (see Krombach, cited above, § 89). In this regard, Article 6 may also be relevant before a case is sent for trial and in so far as the fairness of the trial is likely to be prejudiced by an initial failure to comply with it (see*

*Imbrioscia v. Switzerland, 24 November 1993, § 36, Series A no. 275, and Ocalan v. Turkey [GC], no. 46221/99, § 131, ECHR 2005-IV). The manner in which Article 6 §§ 1 and 3 (c) are applied during the investigation depends on the special features of the proceedings and the facts of the case. Article 6 will normally require that the accused be allowed to benefit from the assistance of a lawyer from the initial stages of police interrogation (see John Murray v. The United Kingdom, 8 February 1996, § 63, Reports 1996-I, and Öcalan, cited above, § 131). As the Court has further clarified, in order for the right to a fair trial to remain sufficiently "practical and effective", Article 6 § 1 requires that, as a rule, access to a lawyer should be provided from the first interrogation of a suspect by the police, unless it is demonstrated in the light of the particular circumstances of each case that there are compelling reasons to restrict this right. Even where compelling reasons may exceptionally justify denial of access to a lawyer, such restriction – whatever its justification – must not unduly prejudice the rights of the accused under Article 6. The rights of the defence will in principle be irretrievably prejudiced when incriminating statements made during police interrogation without access to a lawyer are used for a conviction (see Salduz v. Turkey [GC], no. 36391/02, § 55, ECHR 2008-...). Even in cases where an accused person remained silent and was not questioned in detention, a restriction of his or her right to legal assistance from the time of the arrest may fall short of the requirements of Article 6 §§ 1 and 3 (c) of the Convention (see Dayanan v. Turkey, no. 7377/03, §§ 32-33, ECHR 2009-...).*

*175. More specifically, all of the applicants consistently claimed that neither they nor their counsel had been given sufficient access to the prosecution evidence after the pre-trial investigation had been completed and before the trial commenced, nor had they enjoyed such access after the trial had commenced, despite their repeated complaints to that effect. The Court reiterates that the right to an adversarial trial under Article 6 § 1 of the Convention means, in a criminal case, that both*

*prosecution and defence must be given the opportunity to have knowledge of and comment on the observations filed and the evidence adduced by the other party. Various ways are conceivable in which national law may meet this requirement. However, whatever method is chosen, it should ensure that the other party will be aware that observations have been filed and will have a real opportunity to comment on them (see Brandstetter v. Austria, 28 August 1991, §§ 66-67, Series A no. 211). Article 6 § 3 (b) guarantees the accused "adequate time and facilities for the preparation of his defence" and therefore implies that the substantive defence activity on his behalf may comprise everything which is "necessary" to prepare the main trial. The accused must have the opportunity to organise his defence in an appropriate way and without restriction as to the possibility of putting all relevant defence arguments before the trial court and thus of influencing the outcome of the proceedings (see Can v. Austria, no. 9300/81, Commission report of 12 July 1984, § 53, Series A no. 96; Connolly v. The United Kingdom, no. 27245/95, Commission decision of 26 June 1996; and Mayzit v. Russia, no. 63378/00, § 78, 20 January 2005). The facilities which everyone charged with a criminal offence should enjoy include the opportunity to acquaint himself for the purposes of preparing his defence with the results of investigations carried out throughout the proceedings (see C.G.P. v. the Netherlands, no. 29835/96, Commission decision of 15 January 1997, and Foucher v. France, 18 March 1997, §§ 31-38, Reports 1997-ll). The issue of the adequacy of the time and facilities afforded to an accused must be assessed in the light of the circumstances of each particular case.*

*...*

*180. In this connection, the Court reiterates that, under Article 6 § 3 (c) of the Convention, an accused is entitled to legal assistance which is practical and effective and not theoretical or illusory. This Convention provision speaks of "assistance" and not of "nomination"; mere nomination does not ensure effective assistance since a lawyer may be prevented from providing such assistance owing to*

*various practical reasons, or shirk his or her duties. A State cannot be held responsible for every shortcoming on the part of a lawyer appointed for legal-aid purposes. However, if a failure by legal-aid counsel to provide effective representation is manifest or is sufficiently brought to the authorities' attention in some other way, the authorities must take steps to ensure that the accused effectively enjoys the right to leagl assistance (see Artico v. Italy, 13 May 1980, §§ 33-37, Series A no. 37, and Kamasinski v. Austria, 19 December 1989, § 65, Series A no. 168). Moreover, where it is clear that the lawyer representing the accused before the domestic court has not had the time and facilities to organise a proper defence, the court should take measures of a positive nature to ensure that the lawyer is given an opportunity to fulfil his obligations in the best possible conditions (see, mutatis mutandis, Goddi v. Italy, 9 April 1984, § 31, Series A no. 76).*"

Li hu mehtieg allura, hu li s-smigh isir b'mod gust f'sens prattiku u effettiv, u li l-akkuzati jkunu jafu biex qed jigu akkuzati u jkunu jistghu jiddefendu ruhhom.

Ikkunsidrat:

Illi f'dawn il-proceduri, ir-rikorrenti qed jallegaw li ma kellhomx smigh xieraq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) meta gew akkuzati, u ammettew akkuzi ta' serq u/jew ricettazzjoni. Huma qed jghidu li l-ammissjoni taghhom inghatat peress li gew "imwieghda" mill-ispettur li kien qed jinvestiga l-kaz li huma jigu kkundannati ghall-massimu ta' sena prigunerija; qed jissottomettu wkoll li ma kellhomx "difiza adegwata" u li gew ittrattati b'mod diskriminatorju.

Il-Qorti semghet ix-xhieda li hafna minnhom spjegaw fid-dettal x'gara fil-kaz. Kien hemm min ma jiftakarx certu dettalji, pero', din il-Qorti, wara li semghet hi x-xhieda personalment, hadet idea tajba ta' dak li seta' gara fil-kaz.

Dwar l-ilment, ir-rikorrenti jallegaw illi l-ispettur weghedhom sa sena prigunerija. L-ispettur involut, l-

ispettur Saviour Baldacchino, cahad kategorikament li ghamel xi weghda simili, u fuq dan hu korraborat minn ufficjali tal-Pulizija li assistew lill-ispettur, u, aktar importanti, mill-interpretu li kien qed ifiehem lir-rikorrenti bir-Rumen x'kien qed isaqsi l-ispettur. Dan tal-ahhar xehed illi fl-interrogazzjoni, l-ispettur urihom x'kellu bhala provi, urihom ir-res furtiva li nstabet fl-appartament taghhom u li kellu CCTV li juri dak li ghamlu; f'xi kazi, kienu nqabdu fil-fatt. L-ispettur spjegalhom li, fic-cirkostanzi, ikun ahjar jekk jammettu ghax jiehdu piena inqas. L-akkuzati bdew jistaqsu x'piena setghu jistennew. L-ispettur qalilhom li hu ma setax jaghti garanzija dwar kemm se jehlu habs, pero', jekk jikkorraboraw, fil-Qorti hu ma kienx se jinsisti fuq piena massima. Dan l-interpretu qal b'mod car li l-ispettur "never mentioned amount of sentence". L-ispettur ma setax jghid kif kienet se tiddeciedi l-Qorti u ghamel dan car mar-rikorrenti. L-ispettur qalilhom li kien zgur kaz ta' habs, izda ma seta' jaghti ebda garanzija dwar zmien.

Din il-Qorti hekk tifhem li sehh il-kaz. Ir-rikorrenti jghidu li l-ispettur weghedhom sena habs jew *suspended sentence*, ghalkemm ir-rikorrent Marius Dimitriu, ma kienx car jekk dan kienx suggeriment tal-interpretu jew tal-ispettur. F'kull kaz, din il-Qorti tara li x-xhieda tal-ispettur u tal-interpretu hija preciza u konkordanti u tqishom persuni affidabbli. <u>Jekk</u> ir-rikorrenti hadu impressjoni xort'ohra, it-tort ma hu ta' hadd hlief taghhom; l-ispettur kien car li hu ma tax u ma seta' jaghti ebda garanzija dwar piena, izda qal li jekk jikkorraboraw, kien jinforma lill-Qorti b'dan, kif fil-fatt ghamel. Jekk fehmu li kienu se jehlu sa sena prigunerija ma jfissirx li gew "ikkondizzjonati" jifhmu dan. Hemm provi li juru li anke l-Magistrat, qabel ma tat is-sentenza, indikatilhom li kienu se jiehdu 3 snin habs, izda xorta wahda wara ghazlu li jammettu ghall-akkuzi.

Jirrizulta wkoll li qabel ma gew interrogati, l-ispettur infurmahom li setghu ma jirrispondux u li kellhom dritt jikkonsultaw ruhhom ma' avukat; fil-fatt, wiehed minnhom qal li ried ikellem avukat, sar komunikazzjoni maghha u din giet tkellmu qabel ma ghamel l-istqarrija. L-ohrajn iddecidew li ma jkellmux avukat. Kif xehed l-interpretu,

kienu jhossu ruhhom hatja u stqarrew li ma kienx hemm bzonn ghajnuna ta' avukat. Kif inghad, huma raw xi provi kellhom il-Pulizija, u l-hsieb taghhom kien biss biex jippruvaw jiehdu l-anqas piena possibbli. Kollha, imbaghad, spjegaw fid-dettal l-involviment taghhom – uhud minghajr htiega ta' interpretu – u l-ispettur qalilhom, fi kliem l-interpretu – li jipprova "to get a reduced sentence".

Ir-rikorrenti kienu qed jifhmu x'gara u x'kien qed isir. Mhux biss jirrizulta li wiehed minnhom jaf sew l-Ingliz, u iehor mhux hazin, izda l-interpretu, ta' hdax-il sena esperjenza, kien qed jispjegalhom kollox. Fil-fatt, hu xehed li meta spjegalhom id-dritt taghhom li jikkonsultaw ma' avukat, ir-rikorrenti bdew jistaqsu dwar id-differenza bejn li jkollhom avukat u le, u kien wara din l-ispjegazzjoni li, hlief wiehed, ghazlu li ma jkollhomx avukat.

Kwindi hu car, fil-fehma tal-Qorti, li r-rikorrenti ma gew imwieghda xejn mill-ispettur qabel ma rrilaxxjaw l-istqarrija, hlief li l-prosekuzzjoni ma tinsistix fuq il-massimu tal-piena. Huwa sintematiku ukoll li r-rikorrenti ma stqarrew xejn mal-avukati taghhom dwar din is-suppost weghda meta tressqu l-Qorti. Il-Qorti hija konvinta illi huma rrilaxxjaw l-istess wara li kienu fehmu l-konsegwenzi u kienu jafu li kienu sejrin habs. Tant fehmu x'kienu qed jghidu, li meta nqratilhom l-istqarrija, talbu li jsiru xi korrezzjonijiet u/jew addizzjonijiet, u hekk sar.

L-impressjoni ta' sena setghu haduha minn diskors li sar fil-Qorti bejn l-avukat li giet inkarigata tiddefendihom u l-ispettur Baldacchino. L-avukat fil-fatt xehdet li, kif isir is-soltu, meta ir-rikorrenti tressqu l-Qorti, kellmithom ftit u wara bdiet tezamina c-charges mal-ispettur. Ghall-ewwel hasbu li z-zmien ta' habs kien se jkun wiehed zghir (forsi hawn issemmiet is-sena?), izda wara ftit hin irrealizzaw li bl-ahhar akkuza, il-piena kienet se titla' aktar u jkun hemm qabza kbira (tlett snin?). L-avukat kienet kategorika meta xehdet li hi semmiet din it-tieni piena <u>qabel</u> ma saret l-ammissjoni mir-rikorrenti. Hi tghid li d-diskussjoni fuq il-piena saret b'mod informali qabel is-smigh formali tal-kawza u z-zmien gholi ta' habs issemma "definately"

qabel ma saret l-ammissjoni. Hi tghid li spjegat lir-rikorrenti, tramite l-interpretu, dwar il-qabza fil-piena u xorta wahda ammettew l-akkuzi, hlief li wiehed minnhom baqa' jinsisti li ried ikellem lill-avukat tieghu, tant li ma ammettiex l-akkuzi.

L-avukat kienet cara fix-xhieda taghha. Qalet li qaltilhom li kienet sejra tipprova ggib l-anqas piena possibbli, izda li d-decizjoni finali kienet tal-Qorti. Hi qalet li dejjem taghmilha cara li l-ahhar kelma kienet tal-Qorti, u avolja kienu jafu li kien hemm possibilita' ta' piena gholja, xorta ghazlu li jammettu.

Bl-ebda mod allura ma jista' jinghad li l-ammissjoni taghhom kienet imcajpra ("tainted") b'xi weghda mhux f'lokha. L-ispettur, kif qal li se jaghmel, ma nsisthiex ghall-piena massima u fil-fatt, il-piena mhux biss tidhol fil-parametri tal-piena li kienu qed jiffaccjaw ir-rikorrenti, izda hija hafna eqreb il-minimu milli l-massimu possibbli.

Dwar l-allegazzjoni ta' nuqqas ta' smigh xieraq b'mod generali, din il-Qorti ma ssib xejn irregolari dwar kif giet kondotta. Il-Qorti tal-Magistrati, fiz-zewg kazi, hadet hsieb tara li l-akkuzati kienu qed jigu gwidati fuq kull punt u kienet qed issegwi u tara li l-interpretu kien qed jittraduci lill-akkuzati dak li kien qed jinghad. Ovvjament, il-Magistrat sedenti f'kull kaz ma kienx qed jifhem l-interpretu x'qed jghid, pero' ma jirrizultax li dan ma wettaqx xogholu sew. L-ewwel erba' rikorrenti kienu wkoll assistiti minn avukat mahtur mill-istat li, fic-cirkostanzi, wettqet id-doveri taghha sewwa. Rat il-provi li kellha l-prosekuzzjoni u ghamlet "value judgement" li tipproponi ammissjoni. Minghajr ma din il-Qorti tipprova tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghal dik tal-avukat, fic-cirkostanzi, ma tarax li kienet ghazla irragjonevoli jew li ma setghetx tittiehed. Kif inghad, ir-rikorrenti gew rinfaccjati bi prova fuq video cameras, li nqabdu fil-fatt, u li nstabu mat-tlett vannijiet hwejjeg misruqa fl-appartament. Inoltre, kien hemm stqarrijiet li hadd ma kkontesta. L-avukat spjegatilhom iz-zewg options – ammissjoni jew kontestazzjoni – u l-konsegwenzi tal-ghazla. Spjegatilhom ukoll il-perjodu li kien mistenni li se jdumu l-habs, u

ghalkemm kien hemm min beda jibki, hadd mir-rikorrenti ma biddel mohhu dwar l-ammissjoni – hlief Florica Niculae, li waqt il-prezentata, baqa' jinsisti li mhux hati. L-avukat tal-ewwel erba' rikorrenti qalet ukoll li kienet certa li r-rikorrenti fehmu kollox li kien qed isir u qablu li jammettu. Qalet illi kieku rat li kien hemm problema li ma setghetx tikkomunika jew li kien hemm nuqqas ta' qbil, "ma kontx nammetti". Hi qalet li anke meta rrealizzaw li kienu se jehlu tlett snin habs, xorta qablu li jammettu, u meta nghatat is-sentenza dehru li accettawha, ghalkemm, ovvjament, kien hemm min kien "upset". Tant kien car minn qabel li kienu se jehlu tlett snin habs, li uhud bdew jibku qabel il-qari tas-sentenza, u l-avukat qalet li ma kinitx sorpriza bis-sentenza ghax li gara kien prevedibbli wara li hi stess, fil-workings taghha fuq l-akkuzi, ghamlet il-"qabza kbira" meta ndunat bl-ahhar akkuza.

Ir-rikorrenti jsemmu li gew imweghda "suspended sentence", pero', l-avukat qalet li ma tiftakarx li sar diskors fuq suspended sentence jew "probation". L-interpretu xehed li jista' jkun li l-avukat qaltilhom li se tipprova ggib piena ta' prigunerija sospiza, pero', fil-fehma tal-Qorti, anke jekk hu hekk, dan ma jfissirx li saret xi "weghda" f'dan is-sens. L-avukat ghamlitha cara li d-decizjoni kienet f'idejn il-Qorti, u ghalkemm fit-trattazzjoni "insistiet" fuq il-piena (kif xehed PS 1268 Ivan Caruana), kif kien mistenni li taghmel, ma sar ebda patteggjament fuq il-piena jew xi promessa fuq zmien partikolari.

Dwar l-allegat diskriminazzjoni, qed jigi allegat li r-rikorrenti wehlu tlett snin habs "ghax huma Rumeni". Apparti l-fatt li ma saret ebda prova ta' diskriminazzjoni effettiva bejn Rumeni u Maltin akkuzati bl-istess agir u b'cirkostanzi simili (fil-kazijiet indikati, tal-istess persuna, l-akkuzat kellu problema ta' droga u intrabat li jghin lill-prosekuzzjoni sabiex tressaq il-Qorti l-ko-awturi tar-reat u wehel 4 snin u sentejn u nofs prigunerija effettiva), kull ma jirrizulta, l-aktar (u fuq dan ukoll hemm dubju) hu li l-ispettur stqarr mal-avukat li, f'dak iz-zmien, kellu problema bir-Rumeni. Ma jirrizultax la li saret xi sottomissjoni f'dan is-sens lill-Qorti u lanqas li l-Qorti hadet din ic-cirkostanza in konsiderazzjoni meta tat il-piena – li, kif inghad, tersaq

vicin il-minimu li setghet timponi. Anke l-interpretu ma jiftakarx li n-nazzjonalita' tal-akkuzati ssemmiet. Din il-Qorti tghid li anke jekk l-ispettur issottometta fuq il-htiega li jsir ezempju mill-akkuzati, ma jfissirx li gew trattati b'mod diskriminatorju mill-Qorti. Il-Qorti zgur mhux se tkun impressjonata b'sottomissjoni f'dan is-sens u ma jirrizultax li l-piena inflitta hija sproporzjonata jew esagerata. L-impressjoni li seta' kellhom l-akkuzati huwa immaterjali ghax bhala fatt, mill-assjem tal-provi, ma jirrizultax li dawn gew diskriminati fil-waqt tal-ghoti tal-piena.

L-avukat kienet cara illi kieku l-ispettur, semma in-nazzjonalita' tar-rikorrenti fit-trattazzjoni dwar il-piena, kienet zgur toggezzjona bil-qawwa kolha, izda ma tiftakarx li sehh dan l-incident. Hu probabbli li kull ma sar kien diskors informali bejn l-ispettur u l-avukat, li ma kellu ebda influenza fuq is-sentenza tal-Qorti.

Ir-rikorrenti jghidu li hadd ma qalilhom li setghu jappellaw mis-sentenza, ghalkemm jirrizulta li wiehed minnhom, Florica Niculae, kien gie infurmat b'din il-possibilita'. Hu fatt, pero', li kellhom dan id-dritt li jezisti f'kull pajjiz demokratiku. L-avukat tal-ewwel erba' rikorrenti dehrilha li ma kienx hemm lok ta' appell u hadd ma staqsiha jekk appell kienx possibbli. Wara li dahlu l-habs, wara s-sentenza, ir-rikorrenti kellhom kull facilita' jikkomunikaw mill-ewwel bit-telephone ma min riedu, u setghu anke jkellmu avukat . B'semplici talba ma' wiehed mill-gwardjani, kien ikollhom appuntament ma' avukat ta' ghajnuna legali – kif wiehed talab u nghata erba' xhur wara s-sentenza. Ir-rikorrenti tpoggew f'divizjoni tal-habs fejn kellhom kuntatt kontinwu ma' xulxin u ma' prigunieri ohra u setghu dejjem ikunu jafu biz-zmien ta' appell, kif zgur kien jaf wiehed minnhom.

Din il-Qorti tara wkoll li fic-cirkostanzi tal-kaz, anke jekk jista' jigi argumentat li kull akkuzat misjub hati minn qorti tal-ewwel grad, irid jigi infurmat bid-dritt tieghu li jappella jekk irid (lil din il-Qorti ma jirrizultaliex li jezisti dritt simili), jibqa' fatt li, ic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, ma jimmeritax rimedju minn din il-Qorti. Kif jinghad hemm provi bizzejjed dwar l-involviment taghhom fis-serq in kwistjoni u l-piena

tant kienet vicin il-minimu li, f'kull kaz, ma timmeritax li tigi mibdula.

Fil-kaz ta' Florica Niculae, is-sitwazzjoni tieghu hi iktar dghajfa. Hu ghazel li jikkonsulta ruhu ma' avukat ta' fiducja tieghu qabel ma rrilaxxja l-istqarrija u meta tressaq l-ewwel darba quddiem il-Qorti, ghazel li ma jammettix. Meta l-kaz tieghu tressaq biex jinstema' fil-kors normali, kien assistit minn avukat iehor, ukoll ta' fiducja tieghu. Hemm ukoll kien assistit minn interpretu u hemm ghazel li jammetti l-akkuzi wara li l-avukat tieghu ezamina l-kaz tieghu u c-cirkostanzi. Lanqas dan l-avukat ma ssuggerixxa appell, ghalkemm qallu bil-possibilita', u l-kaz waqaf hemm.

Ghalhekk, hija l-fehma tal-Qorti, illi fid-dawl tal-kriterji addottati mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, ma jistax jinghad li r-rikorrenti gew imcahhda mid-dritt ghal smigh xieraq. Inghataw opportunita' li jkellmu avukat "*at the initial stage of criminal proceedings and throughout the entire proceedings*", kien hemm "*equality of arms*", difiza, fic-cirkostanzi, effettiva u "*a reasoned judgement*" (ara wkoll "<u>Asadbeyli and others v. Azerbaijan</u>", deciza mill-istess Qorti Ewropea fil-11 ta' Dicembru 2012, partikolarment il-paragrafu 131 tad-decizjoni).

It-talbiet tar-rikorrenti ghandhom, ghalhekk jigi michuda. Ma kienx mehtieg li jsir xi haga ohra "to avoid misunderstandings", kif qed jallegaw ir-rikorrenti. Huma kienu qed jifhmu u jsegwu dak kollu li kien qed isir u dan sa mill-mument li gew arrestati. Fil-Qorti kien assigurat li huma kellhom process gust u li kienu qed isegwu u jifhmu dak importanti u rilevanti ghal kaz taghhom u ma tarax li l-ilmenti taghhom huma gustifikati.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mit-talbiet tar-rikorrenti billi tichad l-istess, bl-ispejjez kollha kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------